MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 106/2003/1

**The General Soft Drinks Co. Ltd**

**vs**

**Micallef Paul u b' digriet tat-30 ta' Settembru 2004 gie nominat l-Avukat Dr. Chris Said kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Paul Micallef**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Gunju 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira 70 centezmu, bilanc

minn somma akbar, ghall-provvista ta' minerali fil-bar tal-kazin tal-football ta' Sannat li kien qed jigi gestit mill-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Lulju 2003"

Ra r-risposta tal-konvenut:

1) "It-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut qatt ma kellu l-gestjoni tal-bar tal-kazin tal-football ta' Sannat f'idejh
2) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Richard Azzopardi ta' "Sweethaven", Dun Luqa Street, Sannat, Ghawdex, bil-karta ta' l-identita' numru 13769g.

Illi preliminarjament il-pretensjonijiet attrici huma preskritti fil-konfront ta' l-eccipjenti ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.
Illi l-eccipjenti qatt ma kellu l-ebda konnessjoni kwalsiasi mal-kazin tal-futbol ta' Sannat u inqast qatt iggestieh.

Illi l-uniku kazin li kellu konnessjoni mieghu l-eccipjenti kien il-kazin tal-banda ta' Sannat li jinsab bibien 'il boghod mill-kazin tal-futbol. Ghalkemm dan il-bar tal-kazin kien f'isem l-esponenti, il-koncezzjoni relattiva giet mghoddija favur Paul Micallef b'effett minn Frar 2003. Kwalunkwe ftehim li seta' sar mas-socjeta' attrici minn Paul Micallef sar unikament ghan-nom personali tieghu u fuq responsabilita' tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Jirrizulta li fil-kirja tal-bar li saret mas-socjeta' Muzikali (mhux tal-futbol kif erronjament indikat fl-avviz tat-talba)

Santa Margerita tas-Sannat, Ghawdex, l-kjamat fil-kawza kien biss prestanome ghall-konvenut. Kien il-konvenut li fil-fatt kien jiggestixxi l-bar meta saret il-konsenja. Difatti, l-invoice tas-socjeta' attrici inharget f'isem il-konvenut u l-konsenja saret lilu.

U billi jirrizulta mill-provi mressqa li l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici huwa tabilhaqq dovut mill-konvenut

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jddeciedi billi jillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, u konsegwentement it-Tribunal jastjeni milli jikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohrajn minnu mressqa filwaqt li jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut billi jikkundannah ihallasha s-somma ta' LM428.70 bilanc minn somma ikbar dovuta ghal provvista ta' xorb minerali lilu mibjugha u kkunsinnata mill-istess socjeta' bl-imghax legali mid-dati tal-konsenji sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Lulju 2003 kif ukoll dawk tal-imsejjah fil-kawza a kariku tal-konvenut."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici. L-ewwel aggravju taghha hu ta' indoli procedurali bazat fuq il-motiv illi l-okkju tas-sentenza ma kienx jirrifletti lill-imsejjah fil-kawza Richard Azzopardi. It-tieni ilment jikkoncerna l-meritu u hu arginat fuq is-sottomissjoni illi t-Tribunal ma tax piz adegwat lill-provi prodotti. Is-socjeta` appellanti ghalhekk talbet li s-sentenza tigi riformata fis-sens li l-imsejjah fil-kawza jitqies responsabbli solidalment mal-konvenut ghall-hlas ta' l-ammont reklamat;

Huwa fl-ordni logiku-guridiku illi jekk dak rilevat mis-socjeta` appellanti fl-ewwel aggravju taghha jinstab li hu validament gustifikat, din il-Qorti, imbaghad, hi, ghal dik ir-raguni, prekluza milli tintrattjeni ruhha fuq it-tieni aggravju fil-meritu;

Jinsab dispost fl-Artikolu 174 (1) (b) tal-Kapitolu 12 illi "kull skrittura ghandu jkun fiha l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet". Mhux dubitat illi min hu kjamat fil-kawza hu parti. Ghal precizazzjoni, "irid bilfors ikun konvenut ghaliex hadd ma jista' jigi mgieghel jaghmel kawza salv wara gudizzju ta' jattanza u kazijiet ta' kostrizzjonijiet fakoltativi" ("**Philip Wismayer *et* -vs- Carmelo Wismayer *et***", Appell Kummercjali, 19 ta' Mejju 1995). Ma' dan irid jitqies ukoll illi, kif drabi ohra deciz (**Kollez. Vol. XVII P I p 28**), sentenza taghmel stat ossija ghandha l-effett ta' gudikat, naturalment fil-limiti ta' l-azzjoni ntentata, anki fil-konfront tal-kjamat in kawza;

Jidher li s-sentenza fl-ismijiet "**Konti Nutar Giovanni Carmelo Chapelle Paleologo -vs- Alfred Alamango**", Appell Civili, 17 ta' Mejju 1963 tohrog id-dikotomija netta bejn il-qaghda ta' min hu msejjah fil-kawza u dak li jintervjeni fil-gudizzju. Dan b' riflessjoni cara ghar-rigward ta' l-okkju tas-sentenza. Fiha, a propozitu, intqal dan:-

"Mill-konfront ta' l-art 959 u l-artikoli 960 - 961 (fil-prezent l-Artikolu 960 u l-Artikoli 961 - 962) tal-Kodici ta' Procedura Civili, kif gie interpretat fil-gurisprudenza, jidher car li skond il-ligi l-ammess *in statu et terminis*, a differenza ta' l-imsejjah fil-kawza la huwa attur u lanqas konvenut. U tabilhaqq, a differenza ta' l-imsejjah fil-kawza, l-ammissjoni tieghu ma twaqqafx il-proceduri; huwa ma jigix notifikat b' kopja tac-citazzjoni jew libell jew b' rikors. Il-ligi tati lill-imsejjah fil-kawza biss, u mhux lill-intervenut, li jipprezenta skritturi u eccezzjonijiet, u li jkollu l-beneficcji kollha tal-konvenut, u li jista' jigi kundannat jew liberat mit-talba daqs kieku l-kawza kienet proposta kontra tieghu (ara sent. Prim' Awla, 20 ta' Gunju 1936 in re "**Cortis -vs- Staines *nomine***", **Vol. XXIX P II p 1116** u sentenzi ohrajn fiha citati).";

Minn dan it-taghlim jitnissel illi l-inkluzjoni ta' l-imsejjah fil-kawza fl-okkju tas-sentenza ma jistax hlief jigi kunsidrat bhala essenzjali. Fil-kaz taht ezami ma jirrizultax illi l-

okkju tas-sentenza jirrifletti din l-inkluzjoni billi thalliet barra kull referenza ghal Richard Azzopardi, imsejjah fil-kawza b' digriet tat-Tribunal tal-10 ta' Dicembru 2004 (fol. 35);

Inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Louise Ann Sultana -vs- Il-Kummissarju ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et**", Appell, 14 ta' April 1997, anke jekk il-kwestjoni hemmhekk ma kienetx strettament identika ghal dik in ispecje, illi "dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita` tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dana l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat";

Tali rettifika pero` ma tistax issir minn din il-Qorti ta' revizjoni ghax, kif rilevat f' decizjonijiet recensjuri, nonostante l-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995 is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 175 ma jirrizultax li gie emendat u allura l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tikkorregi zbalji fl-okkju tas-sentenza appellata. "Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kienux identici ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata" - "**Joseph Busuttil -vs- Avv. Dottor John Mamo *nomine***", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "**Victor Zammit *et* -vs- Joseph Stivala**", Appell, 19 ta' April 1999;

Dan igib ghal konsegwenza illi stante li fil-kaz prezenti s-sentenza appellata ma gietx pronunzjata di fronte ghall-partijiet kollha fl-istess kawza din il-Qorti m' ghandhiex rimedju iehor disponibbli hlief li tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni *ante quo* s-sentenza billi tannulla l-istess.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju preliminari tas-socjeta` appellanti u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tibghat lura l-atti lit-Tribunal sabiex mill-gdid jiddetermina l-kawza skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------